**27 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Emmanuela Brincat

## *Dangerous Drugs Ordinance* - Aggravju tad-distanza

*Huwa evidenti li meta l-liġi (Kap. 101) titkellem f'distanza ta' inqas minn mitt (100) metru b'referenza għall-perimetru, qiegħda tillimita l-kejl u l-kalkolu ta' dik id-distanza f'linja diretta miċ-ċentru ta' kwalunkwe punt fiċ-ċikonferenza.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn żewġ sentenzi ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali fil-proċeduri fl-ismijiet premessi, l-ewwel waħda mogħtija fit-28 ta' Marzu, 1995 u t-tieni waħda ġġib id-data tas-6 ta' April, 1995;

Bl-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi, l-appellanti ġiet misjuba ħatja talli:

Fit-23 ta' Frar, 1994, f'Bormla, forniet id-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi lil Oscar Cassar bla ma kellha l-liċenzji, awtorizzazzjonijiet u permessi msemmijin fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' l-iskola "Liceo Verdala";

Talli fl-istess data kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina li għaliha tapplika t-Taqsima 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi meta ma kellhiex il-liċenzji, l-awtorizzazzjonijiet u l-

permessi msemmijin fit-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, b'dan li r-reat sar ġewwa d-distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' l-iskola msemmija;

Reċidiva f'reat;

*L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-akkużata mhux ħatja* ta' kull akkuża oħra dedotta kontra tagħha u rriservat *li tapplika* l-piena wara li tkun semgħet lill-akkużata u lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi;

Bit-tieni sentenza, ċjoè dik tas-6 ta' April, 1995, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellanti għal tmien snin priġunerija li minnhom għandu jiġi dedott iż-żmien li fih kienet arrestata preventivament in konnessjoni mal-każ preżenti u multa ta' ħamest elef lira Maltija (Lm5,000). *Inoltre ordnat il*-konfiska tal-mediċini esebiti u tal-portmoni esebit. L-istess Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` immobbli kollha ta' l-appellanti fit-termini ta' l-artikolu 22 (3a) (c) (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u lliberatha mill-akkużi li tagħhom ma ġietx misjuba ħatja. Inoltre hija rriservat li tipprovdi fuq it-talba għall-kundanna *tal-ħatja* għall-ħlas ta' l-ispejjeż tal-perizji fuq rikors approżitu li jkun jindika dettaljatament dawk l-ispejjeż;

L-appellanti permezz *tar-rikors* ta' *l-appell* tagħha qed titlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenzi ta' l-Ewwel Qorti billi tilliberaha minn kull ħtija u piena stante li ġiet misjuba ħatja ħażin fuq il-fatti u fi kwalunkwe każ tirriforma s-sentenza appellata billi tiġi ridotta l-piena nflitta minħabba li *r*-reat ma sarx f'inqas minn mitt metru minn skola u peress li kienet *applikabbli għaliha id-dimunizzjoni* tal-piena prevista mil-liġi dwar min jiżvela l-ispaċċatur, u jkun hemm revoka dwar il-konfiska tal-beni li mhumiex ġejjin minn reat.

L-appellanti għandha diversi aggravji. Xi wħud minnhom dwar punti ta' liġi u xi wħud minnhom dwar fatti;

*Omissis*;

Bl-ewwel aggravju hija qed tissottometti li ġiet misjuba ħatja ta' pussess u spaċċ bl-aggravanti li r-reati in kwistjoni saru f'distanza ta' inqas minn mitt (100) metru minn skola. Hija tissottometti li d-distanza ma setgħetx tkun *as the crow flies* imma kellha tkun f'dik id-distanza tat-toroq li ġġib jew iżjed jew inqas minn mitt (100) metru. L-iskop u l-kelma tal-liġi ma jistgħux ifissru mod ieħor ħlief li d-distanzi jridu jitkejlu kif jistgħu ż-żgħażagħ jilħqu post bħal dan. Għalhekk huma d-distanzi tat-toroq u mhux id-distanzi lineari li jgħoddu skond l-appellanti. Hija tikkritika lill-Ewwel Qorti talli għażlet li ma takkoljix l-interpretazzjoni minnha sottomessa, il-għaliex skond hi, l-iskop tal-liġi hu ċar li ma riditx li jkun hemm faċilità għaż-żgħażagħ li jkollhom fornitura tad-droga. Għalhekk il-kriterju kien ta' aċċessibilità għalihom u mhux għal *as the crow flies*;

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellanti li ma ssib ebda konfort la fil-liġi u lanqas banda oħra. Huwa evidenti illi meta l-liġi titkellem f'distanza ta' inqas minn mitt (100) metru b'referenza għall-perimetru, qiegħda tillimita l-kejl u l-kalkolu ta' dik id-distanza f'linja diretta miċ-ċentru ta' kwalunkwe punt fiċ-ċirkonferenza. Allura jsegwi illi r-raġunament ta' l-Ewwel Qorti huwa ineċċepibbli u dak tad-difiża assolutament inaċċettabbli għaliex kif jingħad, altrimenti jistultifika l-bażi li fuqu l-liġi riedet li tkun ikkalkolata din id-distanza. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint;

It-tieni aggravju dwar punt ta' liġi li l-appellanti qiegħda tissottometti huwa dwar liema piena, skond hi kienet applikabbli. Hija ssottomettiet li hija setgħet se mai tiġi

kkundannata taħt il-pieni previsti mil-liġi fis-subartikolu (b) ta' l-artikolu 22 (1) tal-Kap. 101, u ċjoè għall-piena ġenerika. Hija tissottometti li kif inhi llum miktuba, f'din il-parti tal-liġi li tipprevedi l-piena, hemm *lakuna* serja jew spazju *għal żewġ* interpretazzjonijiet u għalhekk hija kellha tibbenefika minn dik l-interpretazzjoni li hi l-aktar favorevoli għaliha;

Illi frankament din il-Qorti din il-lakuna mhix qiegħda taraha xejn u essenzjalment l-argument ta' l-appellanti hu bbażat *fuq l-assunzjoni illi hija mhijiex* ħatja ta' reati speċifiċi kif dedotti fl-ewwel u t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuża u partikolarment fl-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuża. Ġaladarba dan mhuwiex korrett, taqa' l-premessa, u konsegwentement l-Ewwel Qorti għamlet sewwa meta applikat id-disposizzjoni ta' liġi dwar piena li kienet applikabbli. Dan l-aggravju għalhekk ukoll mhux qiegħed jiġi akkolt;

It-tielet aggravju dwar punt ta' liġi jirrigwarda l-aspett tal-perit tekniku li fuqu hemm ukoll fis-sentenza appellata fil-parti preliminari tagħha. L-*appellanti* ssostni *li hija* wriet *li* d-digriet tal-Maġistrat ma kienx effettivament jgħid li kellu suppost jgħid. Id-digriet bħas-sentenza irid ikun preċiż u korrett. Skond l-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti *mliet* għan-nuqqas tal-Qorti tal-Maġistrati billi rrikorriet għal dak li huwa *common knowledge* dwar Dr. Anthony Abela Medici. Kontra din il-posizzjoni hija rriferiet għal xi ġurisprudenza ta' din il-Qorti fejn ġie deċiż illi meta Dr. Abela Medici ma kienx ġie nnominat b'digriet, minkejja li dan il-*common knowledge* diġa' kien hemm, xorta ma ħallietx li huwa jkun espert. L-appellanti tissottometti illi huwa biżżejjed jekk wieħed jara d-digriet biex jasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm nomina ta' espert biex jagħmel l-eżamijiet. Skond hi mhux biżżejjed li jkun hemm il-*fronte spizio* tal-*file* li d-digriet kien fl-inkjesta. *Fronte spizio* jiktbu l-iskrivan filwaqt li nomini jsiru minn Maġistrat;

Frankament kieku din il-Qorti kellha thares biss lejn din il-lanjanza qabel ma thares lejn il-proċess kienet tippretendi illi minn eżami tal-proċess mhux ser tirriżulta ebda nomina iktar u iktar minħabba r-riferenza li saret mid-difiża għal xi ġurisprudenza minn din il-Qorti fejn ġiet sfilzata relazzjoni ta' Dr. Abela Medici minħabba li rriżulta li qatt ma kien ġie nnominat mill-Maġistrat Inkwirenti. Effettivament f'dan il-każ però mhux hekk u fis-sentenza appellata partikolarment fil-paragrafi enumerati minn 16 sa 19 hemm deskritt fid-dettal iż-żewġ nomini li saru mill-Qorti tal-Maġistrati bil-kliem riprodotti testwalment. Għalhekk frankament din il-Qorti ma tifhimx l-essenza ta' dan l-aggravju l-għaliex eżaminat l-atti u anke dawn l-erbgħa paragrafi mis-sentenza appellata, sempliċement ma tarax fuq liema bażi dan l-istess aggravju seta' jirnexxi. Ma' dan jista' jiżdied ukoll dak li qalet l-Ewwel Qorti illi kwalunkwe lanjanza li seta' kien hemm dwar in-nomina ta' Dr. Abela Medici setgħet ġiet issollevata fi żmien utili u mhux tiġi akkampata bħala linja ta' difiża f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri meta effettivament bħala fatt irriżultat mhux fondata. Għalhekk anke dan l-aggravju qed jiġi respint;

Ma hemmx aktar aggravji ta' l-appellanti ħlief xi ftit li jirrigwardaw l-aspett ta' piena;

Waħda mis-sottomissjonijiet bħala pretiża attenwanti għall-piena inflitta hija kwistjoni tad-distanza li skond l-appellanti ma kinitx inqas minn mitt (100) metru mill-iskola msemmija. Dan il-punt diġa` ġie sorvolat f'din is-sentenza. Sottomissjoni oħra hija l-komportament ta' l-appellanti fejn indikat lill-persuna li setgħet kienet responsabbli jintitolaha għal tnaqqis ta' piena previst mil-liġi stess. Din is-sottomissjoni però fil-fehma tal-Qorti ma għandhiex il-valur illi l-appellanti qed tippretendi peress illi fl-ewwel lok ma tirriżultax fil-fattispeċje kollha li tippretendi hi u fit-tieni lok il-għaliex xorta jibqa' l-fatt li hawnhekk non si trattava biss ta' pussess imma

anke ta' spaċċar ta' droga;

Sottomissjoni oħra rigwardanti l-piena hija dwar il-konfiska applikata fuq il-beni immobbli tagħha li ma rriżultawx li kienu frott ta' xi delitt mhux leġittimu minn diversi aspetti. Kemm mill-aspett Kriminali kif ukoll mill-aspett Kostituzzjonali l-appellanti tissottometti li l-konfiska trid tkun marbuta ma' xi ksur ta' liġi. Għalhekk ħadd ma jista' jiġi spossessat minn dak li hu leġittimament tiegħu. Dan l-argument però ma jirriflettix dak li tgħid il-liġi u l-iskop evidenti li għalih saret. Infatti l-liġi hi dik li hi, evidentement saret kif inhi biex tassigura kemm jista' jkun deterrent għal dak li huwa traffikar ta' droga u din il-Qorti sempliċement ma tarax kif tista' taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant;

Din il-Qorti kkunsidrat ukoll sottomissjonijiet oħra dwar applikazzjoni ta' piena iżgħar jew iktar miti minn dik inflitta mill-Ewwel Qorti però ma tarax illi hemm ċirkostanzi tali li jistgħu jinduċuha tvarja d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata.